**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 066/2021**

**EC (l-ilmentatrici)**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**(il-Bank/BOV) u**

**MAPFRE MSV Life p.l.c.**[1]

**(C 15722)**

**(MAPFRE/l-assikurazzjoni)**

**Seduta tal-10 ta' Mejju 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[2] fejn l-ilmentatrici tghid li hija oht il-mejjet YYY li kien ghamel polza mal-Bank li kienet il-*BOV Life Insurance Trust* fejn kien appuntaha bhala beneficjarja tieghu, u dan skont il-kundizzjoni specjali *Section* 3 A (*Form* PWM 32). L-ilmentatrici u bintha, XXXXXX, kienu a konoxxenza ta' din in-nomina.

Illi meta fl-2017 il-*Bank of Valletta p.l.c.* iddecieda li jittermina il-*fiduciary services* tieghu, il-polza antika giet *endorsed* minn *MAPFRE MSV Life.* Kemm l-ilmentatrici kif ukoll il-mejjet YYY gew infurmati mill-BOV li l-kundizzjonijieti misjuba fil-polza antika mal-BOV kienu ser jigu mizmuma minn *MAPFRE MSV Life.* Gew infurmati wkoll li EC kienet ser tibqa' il-beneficjarja.

Illi YYY miet u l-ilmentatrici giet infurmata li l-polza li kienet ghand *MAPFRE MSV Life* ma kinetx tirrifletti l-polza li kellu YYY mal-BOV, fis-sens li l-ilmentatrici ma kinetx il-beneficjarja tal-polza.

[1] *MAPFRE MSV Life p.l.c.* giet kjamata fil-kaz fis-seduta tat-2 ta' Novemvru 2021, p. 32
[2] P. 6A-7

Din kienet negligenza grossolana min-naha tal-BOV fejn naqas milli jghaddi l-informazzjoni korretta lil *MAPFRE MSV Life*, cioè, li naqset milli tghaddi lilhom il-*FORM* PWM 32 fejn specifikament hemm dikjarat li l-beneficjarja hija l-ilmentatrici, EC. Kemm il-mejjet YYY kif ukoll EC kienu infurmati li l-polza tal-BOV kienet ser tghaddi ghand MAPFRE minghajr ebda tibdil ta' min hu l-beneficjarju meta jmut YYY.

Minhabba n-nuqqasijiet tal-BOV, il-beneficjarja EC giet eskluza ghal kollox mill-polza u dan mhux kif kien xtaq il-mejjet YYY. Dan wassal ghal telf pekunjarju lill-ilmentatrici.

Bhala kumpens qed titlob is-somma likwidata tal-ammont tal-polza u l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ra r-risposta tal-*Bank of Valletta p.l.c.* li tghid**:

**A. Ghaliex dan l-ilment ma jistax jigi milqugh.**

1. Fl-ewwel lok, l-ilmentatrici ghandha tispjega ghalfejn l-ilment taghha ma giex ipprezentat ukoll kontra MAPFRE MSV Life p.l.c., cioè, l-*insurer* u, ghalhekk, is-socjetà li hadet id-decizjoni li ma thallasx lill-ilmentatrici. Il-Bank mhuwiex u qatt ma kien l-*insurer* – biss kien hemm zmien meta l-Bank bhala *trustee* kien jagixxi bhala l-*owner* tal-polza peress illi l-polza nharget taht *Life Insurance Trust.* Ir-relazzjoni bejn il-Bank u YYY giet itterminata meta f'Settembru 2017, il-Bank ma baqax il-*policy owner* (*vide* paragrafu 5 hawn isfel).

2. Il-kundizzjoni li ghaliha tirreferi l-ilmentatrici fl-ilment (*Section* 3A – *Special conditions*) ma kenitx u qatt ma kienet kundizzjoni fil-polza (fiz-zmien meta l-Bank kien, bhala *trustee*, l-*owner* tal-polza); izda kienet kundizzjoni fid-*declaration of trust* liema *declaration* kien iffirmat biss bejn id-defunt YYY u l-Bank. Addizzjonalment, l-imsemmija *special condition* setghet tigi varjata mid-defunt YYY u, ghalhekk, ma kenitx torbot lill-Bank.

**B. Il-Fatti**

3. F'Lulju 2010, YYY ikkompleta u ffirma *application form* sabiex japplika ghal *Lifelink Single Premium Plan* mahruga mill-*Middlesea Valletta Life*

*Assurance Company Limited.* Il-*policy owner* fuq l-*application form* kien il-Bank bhala *trustee*. Fl-*application form*, YYY, ma ghazel l-ebda beneficjarju. Gie ffirmat ukoll *Declaration of Trust Agreement* bejn YYY u l-Bank, fejn is-Sur YYY indika bhala *special conditions* (li jistghu jigu varjati) min ghandu jithallas taht din il-polza mal-mewt tieghu.

L-*annual regular bonus* kien jithallas lis-Sur YYY.

4. F'Awwissu 2017, il-Bank kiteb lis-Sur YYY, fost ohrajn, sabiex jinfurmah li kien ser jaghlaq in-negozju fl-attivitajiet fiducjarji tieghu u li ghalhekk kien ser jittermina l-poloz kollha tal-*BOV Life Insurance Trust.* Is-Sur YYY kien mitlub jipprocedi bit-'Trasferiment ta' Titlu' tal-polza.[3]

5. F'Settembru 2017, giet iffirmata l-formola ta' trasferiment ta' titlu tal-polza u *MAPFRE MSV Life p.l.c.* harget *policy endorsement* b'data effettiva tal-15 ta' Settembru 2017.[4] Il-*policy owner* huwa indikat bhala YYY u l-*payee* huwa carament indikat bhala: '*The Policy Owner or his Estate or those deriving legal title under the Policy Owner*'.

6. Fil-5 ta' Novembru 2020, miet is-Sur YYY.

**C. Konkluzjonijiet**

7. L-ilment ghandu jigi michud.

8. L-esponenti jirriserva d-dritt illi jressaq xhieda orali u dokumentarji sabiex isostni l-eccezzjonijiet tieghu fuq il-fatti imsemmija, kif ukoll li jaghmel sottomissjonijiet, kemm orali kif ukoll bil-miktub, a tenur tal-Kapitolu 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Bl-ispejjez u b'riserva wkoll ghal kull rimedju u/jew azzjoni ohra spettanti lilu skont il-ligi.

**Ra r-risposta tal-*MAPFRE MSV Life p.l.c.* li tghid:**

1. Illi s-socjetà esponenti m'hijiex il-legittima kontradittur u m'ghandhiex *res standi* fl-ilment odjern u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju ta' dan l-ilment bl-ispejjez kontra l-ilmentatrici li

[3] Ittra datata 23 ta' Awwissu 2017 annessa mal-ilment
[4] Kopja annessa mal-ilment

kkjamat lis-socjetà esponenti f'dan l-ilment, jew kif jidhirlu aktar xieraq dan l-Onorabbli Arbitru, stante illi s-socjetà esponenti m'ghandha ebda rapport guridiku mal-ilmentatrici u s-socjetà esponenti m'hijiex l-entità legittima sabiex twiegeb ghat-talbiet tal-ilmentatrici;

2. Illi, fil-fatt, it-talbiet tal-ilmentatrici huma kollha indirizzati lis-socjetà *Bank of Valletta p.l.c.* ghall-allegat negligenza da parti tal-istess Bank u ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni mill-istess Bank u, ghalhekk, is-socjetà esponenti thoss li mhux l-ezitu taghha illi tindirizza dawk it-talbiet fil-konfront tal-*Bank of Valletta p.l.c.;*

3. Illi, minhabba illi l-ilment huwa dwar l-allegat nuqqasijiet tal-*Bank of Valletta p.l.c.* u t-talbiet huma indirizzati kontra l-istess Bank, kif fuq spjegat, is-socjetà esponenti lanqas ma hija dedotta dwar x'allegazzjonijiet, jekk hemm, qed isiru fil-konfront taghha mill-ilmentatrici u, ghalhekk, thoss illi ma tistax tipprezenta d-difiza taghha;

4. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu t-talbiet kollha tal-ilmentatrici safejn huma indirizzati kontra s-socjetà esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi s-socjetà esponenti ma kenitx negligenti fil-konfront ta' EC u ghall-konsegwentement allegat danni sofferti minnha u, ghalhekk, m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati u x'jithallsu mill-istess socjetà esponenti lil EC;

5. Illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-*Bank of Valletta p.l.c.,* is-socjetà esponenti tixtieq ticcara illi ghalkemm is-socjetà hija l-*insurer* tal-polza bin-numru FP457493, it-talba tal-ilmentatrici m'hijiex kontra s-socjetà esponenti ghall-hlas ta' danni ekwivalenti ghad-*Death Benefit* taht dik il-polza, izda kontra l-*Bank of Valletta p.l.c.* ghall-hlas ta' danni ekwivalenti ghad-*Death Benefit* minhabba l-allegat negligenza tal-istess Bank u, ghalhekk, huwa irrelevanti min huwa l-*insurer* taht il-polza in kwistjoni, u sabiex l-istess *insurer* jigi ikkjamat f'dan l-ilment, u li din, safejn qed tara s-socjetà esponenti, hija kwistjoni ta' jekk il-Bank qeda d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet sewwa jew le taht ir-relazzjoni ta' *trustee* tat-*trust* li ikkostitwixxa d-defunt YYY;

6. Illi ghaldaqstant u bhala konsegwenza ta' dak hawn fuq iccitat, jekk il-Bank jezimix ruhu jew le minn kwalunkwe responsabbiltà li forsi ghandu, jekk jigi ippruvat, m'ghandha x'taqsam xejn mal-qadi tal-obbligi kuntrattwali tal-*insurer*;

7. Illi konsegwentement jekk il-*Bank of Valletta p.l.c.* jinsab responsabbli ghall-allegat negligenza, is-socjetà esponenti xorta wahda tkun obbligata taqdi l-obbligi taghha taht il-polza hekk kif kien gie miftiehem maghha u, ghalhekk, sabiex thallas id-*Death Benefit* lill-persuni li huma fil-fatt intitolati ghalih u, ghalhekk, il-hlas tad-*Death Benefit* taht din il-polza huwa ghal kollox irrelevanti ghal dan l-ilment;

8. Illi dan qed jinghad ghax il-polza in kwistjoni inharget fit-12 ta' Lulju 2010 f'isem *Bank of Valletta p.l.c.* bhala *trustee*, u anke meta kienet bdiet il-polza, l-*Payee* taht il-polza kien ukoll, '*The Policy Owner, or his Estate or those deriving Legal Title under the Policy Owner'*. Illi jidher illi dak li setghet qed tirreferi ghalih l-ilmentatrici fl-ilment taghha hija kwistjoni tar-relazzjoni ta' *trustee* mas-*settlor* tat-*trust* – xi haga illi s-socjetà esponenti hija ghal kollox barra minnha;

9. Illi permezz ta' *Transfer in Title Form* datata 6 ta' Settembru 2015, l-assikurat *Bank of Valletta p.l.c.,* ittrasferixxa l-polza in kwistjoni kif kienet u kif illum hi – minghajr ebda tibdiliet ohra favur id-*decujus* YYY u s-socjetà esponenti harget l-*endorsement* fil-15 ta' Settembru 2015 ghal dak l-iskop u, ghalhekk, l-ilmentatrici baqghet ma gietx indikata bhala *designated beneficiary* u, ghalhekk, il-*payee* taht il-polza baqa' '*The Policy Owner, or his Estate or those deriving Legal Title under the Policy Owner'* kif dejjem kien;

10. Illi meta s-socjetà esponenti giet mgharrfa illi l-assigurat YYY gie nieqes, hija baghtet ittra fl-indirizz tad-*decujus* fejn talbet id-dokumenti elenkati fid-Dok MSV 1, fosthom u mhux biss, ricerki testamentarji u kopja tat-testment tal-assikurat YYY sabiex is-socjetà esponenti tkun f'pozizzjoni illi taqdi l-obbligi taghha taht il-polza in kwistjoni u, ghalhekk, sabiex thallas id-*Death Benefit* lill-eredi tad-*decujus* YYY;

11. Illi minkejja illi s-socjetà esponenti kienet disposta li thallas id-*Death Benefit* immedjatament, is-socjetà ghadha sal-lum ma rcevietx id-

dokumenti necessarji sabiex tkun f'pozizzjoni illi thallas id-*Death Benefit* taht din il-polza u, ghalhekk, ma kisret l-ebda obbligi kuntrattwali taghha taht il-polza;

12. Illi semmai it-talba ghall-hlas tad-*Death Benefit* taht il-polza ghandha ssir mill-eredi tad-*decujus* YYY u, cioè, minn min ghandu d-dritt ghaliha;

13. Illi s-socjetà esponenti hija *inter alios acta* ghad-*Declaration of Trust Agreement* li dahlu fih id-*decujus* YYY u *Bank of Valletta p.l.c.,* inkluz *Section 3A – Special conditions*, taht l-istess *Declaration of Trust Agreement* u, ghalhekk, ma torbotx lis-socjetà esponenti ghax dawk jirregolaw biss it-*trust relationship* li kellhom bejniethom *Bank of Valletta p.l.c.* u YYY, u jekk YYY ried jindika lill-ilmentatrici bhala l-beneficjarja taht il-polza, allura, kien obbligat li jaghmel dan fil-polza originali jew permezz ta' *endorsement* u mhux permezz ta' *Letter of Wishes* fit-*Trust Agreement* li s-socjetà esponenti ma kinetx parti minnu;

14. Illi s-socjetà esponenti hi marbuta bl-Artikoli 1712C u 1712D tal-Kodici Civili u, ghalhekk, m'ghandha ebda ghazla ohra hlief li thallas id-*Death Benefit* lill-eredi tad-*decujus* YYY.

15. Illi in vista ta' dak fuq premess, is-socjetà esponenti m'hijiex tenuta thallas l-ebda ammont taht dan l-ilment.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[5]**

L-ilment huwa essenzjalment jekk il-*Bank of Valletta p.l.c.* kienx negligenti jew le fil-konfront tal-ilmentatrici meta sar it-trasferiment tal-polza minn fuq il-Bank bhala *trustee* u *owner* tal-polza ghal fuq YYY, li fi tmiem it-*Trust*

[5] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

*Agreement* bejnu u l-Bank, l-istess YYY sar l-*owner* tal-polza. Però, qabel xejn, l-Arbitru jrid jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari li ressqet l-assikurazzjoni li hija m'hijiex il-legittima kontradittur.

**Eccezzjoni Preliminari tal-Assikurazzjoni**

Din l-eccezzjoni titratta jekk *MAPFRE MSV Life p.l.c.* hijiex il-legittimu kontradittur f'dan il-kaz.

Il-Qrati taghna kemm-il darba kellhom l-okkazjoni li jispjegaw min jitqies li huwa legittimu kontradittur f'kawza.

Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **John Grech vs Ivan Mifsud et,**[6] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkwotat sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell fejn gie stabbilit dan li gej:

*'Ikkonsidrat li fis-sentenza fl-ismijiet* ***Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et, Citaz. Nru. 1365/92 pronuncjata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001,*** *dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, il-Qorti sostniet li:-*

*Biex il-Qorti tistabbilixxi jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti'.*

Ghalhekk, l-element essenzjali jrid ikun li mhux biss ikun hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet izda wkoll li bil-mod kif issir l-azzjoni din trid twassal

[6] Deciza fis-16 ta' Gunju 2005

ghall-kundanna tal-parti l-ohra li ma jirnexxilhiex iggib eccezzjonijiet validi biex tirribatti t-talba.

Kif issottemettiet tajjeb l-assikurazzjoni, it-talba fl-ilment m'ghandha x'taqsam xejn maghha ghaliex ghalkemm il-polza kienet mahruga minnha, it-talba li kienet qed taghmel l-attrici hija dwar negilgenza *o meno* tal-*Bank of Valletta p.l.c.* L-assikurazzjoni qalet li hija lesta li thallas ir-rikavat tal-polza lill-eredi tal-*holder* tal-polza u, cioè, lill-eredi ta' YYY. Tghid ukoll li fil-konfront taghha m'hemm l-ebda talba jew akkuza min-naha tal-ilmentatrici u l-ilment huwa estranju ghaliha.

L-Arbitru jaqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-assikurazzjoni ghaliex l-ilment huwa indirizzat totalment lejn il-*Bank of Valletta p.l.c.* fuq allegazzjoni ta' negligenza *da parti* tieghu.

Ghalhekk l-Arbitru qed jillibera lill-assikurazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

**Fatti tal-kaz:**

*Il-Verzjoni tal-Ilmentatrici*

L-ilmentatrici ssostni[7] li fl-2010, hi u huwa, YYY, marru l-*Bank of Valletta* tan-Naxxar ghax huha ried jaghtiha xi flus. Huha kien guvni u marret maghhom bintha, XXXXXX, ghax qalilhom li jekk jigi nieqes, il-flus johduhom huma. Impjegata tal-Bank ghamlet il-karti li kien hemm bzonn u qaltilhom li jekk jigi nieqes '*immorru bil-ktieb'.*

Fl-2017, baghtu ghalihom u qalulhom li ma setghux izommu l-flus aktar il-Bank u, allura, '*regghu ghaddew fuq YYY'.*

Staqsew jekk ridux jimlew xi karti u qalulhom li ma kienx hemm bzonn.

L-ilmentatrici tghid li qalet lill-impjegata:

*'… li dawn iridu jibqghu kif inhuma ghax dawn moghitja lili u jekk nigi nieqsa jmorru fuq it-tifla. Qaltilna li le, ma rridu naghmlu xejn u li kollox kien ser jibqa' kif inhu. Din li kellmitna kienet QQQ (BOV Naxxar)'.*[8]

[7] P. 28 *et seq*
[8] *Ibid*.

Meta hu l-ilmentatrici miet, hija riedet taghti kollox lil MAPFRE, izda ma kellhiex il-karta li l-flus waqghu fuqha, u din il-karta kienet u ghadha ghand il-Bank. Din il-karta ratha u fiha li: *'YYY ghadda l-flus ghal fuqi u jekk nigi nieqsa jien, imorru ghal fuq it-tifla; u bl-ID card b'kollox.'*[9]

L-ilmentatrici zzid tghid li meta kienet staqsiet lill-Bank jekk hux kollox kien ser jibqa' l-istess, YYY ma kienx maghhom ghaliex kienet tidher ghalih hi bi prokura.

Meta l-ilmentatrici marret ghand MAPFRE qalulha li ma kienu ircevew xejn mill-BOV. Ma kellhomx min kien il-*Beneficiary*. Ghalkemmipprova jghinhom certu Joe Borg, MAPFRE qalulu li ma kellhomx li l-ilmentatrici u bintha kienu l-*beneficiary* tal-polza:

'*Jien lill-Bank ma tlabtux kopja tal-Beneficiary. Jien kont rajtha fuq l-email. Baghtulna karta li sabuha. Qieghda fl-atti a fol 6A.'*[10]

Waqt il-kontroezami,[11] ikkonfermat li huha kien ghamel il-polza fl-2010 u miet fl-2020, u kienet taf bl-*Endorsement Policy* (pagna 19). Mistoqsija li peress li l-polza giet trasferita mill-Bank ghal isem YYY fl-2017, u hu miet fl-2020 u kellu kull opportunità li jemenda jew ibiddel l-istruzzjonijiet rigward il-*payee*, l-ilmentatrici wiegbet li le, ghaliex huha dejjem qalilha li dawn il-flus ghaliha kienu. Qalet ukoll li YYY ma setax imur il-Bank wahdu ghaliex biex johrog kienet twasslu. Qalet li kellha prokura tieghu.

Xehdet ukoll XXXXXX, bint l-ilmentatrici, li bazikament ikkonfermat dak li xehdet ommha. Filwaqt li l-Arbitru ra u qies sew ix-xhieda taghha, ma jarax il-htiega li joqghod jirrepeti x-xhieda taghha li tinsab f'pagni 29 sa 31 u 46 tal-process.

*Il-Verzjoni tal-Bank*

Min-naha tieghu, il-Bank ressaq bhala xhieda lil QQQ u lil Tonia Parascandolo.

Fil-qosor, QQQ xehdet[12] li l-Bank kien iddecieda li jittermina l-*Life Insurance Trust* u l-polza in kwistjoni kienet ser tinqaleb minn fuq il-Bank ghal fuq l-isem

[9] P. 29
[10] *Ibid*.
[11] P. 45 *et seq*
[12] P. 46-47

tal-*policy owner*. Hija kienet spjegat lill-*policy owner* li l-polza ma kinetx ser tibqa f'isem il-Bank bhala *trustee,* izda kienet ser tibda tidher f'ismu. Ma tiftakarx jekk dwar il-polza semmielhiex xi beneficjarji taghha. Dan jista' jkun ukoll ghaliex l-iskop tal-ittra li kien baghat il-Bank kien biex timtela t-*Transfer in Title Form*, u li l-klijenti jigu infurmati li kien ser jispicca s-servizz tal-*Life Insurance Trust.*

Mistoqsija jekk kinetx il-prassi li l-Bank jinforma lill-*beneficiary* jekk ikun ser isehh xi tibdil hija wiegbet li:

'*Le, huwa l-owner tal-polza li huwa obbligat jghidilna jridx jibdel il-beneficiary tal-policy jew le, ghax lanqas kelli informazzjoni dak il-hin'.*

Tghid ukoll li YYY ma kienx semmielha l-*beneficiaries,* u f'dik il-laqgha l-iskop kien li '*nigbru t-Transfer in Title Form'*. Ma kinetx taf li EC kienet indikata bhala '*beneficiary'*. Dik id-dikjarazzjoni dwar il-*beneficiary* setghet kienet dikjarazzjoni taht it-*Trust Letter of Wishes* u ma kellha x'taqsam xejn mal-polza.

Min-naha taghha, Tonia Parascandolo[13] spjegat kif kien jiffigura l-Bank f'dan il-kaz.

Taghmel referenza ghal DOk TP 1 li kien id-*Declaration of Trust Agreement* li l-Bank kellu ma' YYY. Ghalkemm kien YYY li nvesta, il-*policy owner* jidher il-*Bank of Valletta* peress li kien hemm *Trust Agreement* bejn il-Bank u YYY. Peress li minhabba dan it-*trust* il-Bank kien kemm l-*owner* kif ukoll il-*beneficiary,* is-Sur YYY appunta l-Bank permezz tat-*Trust Agreement* biex dawk il-*bonuses* li kienet tqassam il-*Middlesea* fuq il-polza kull sena, jigu ikkreditati direttament mill-Bank fil-kont tieghu. Kien hemm nota li jekk is-Sur YYY jigi nieqes matul it-terminu tal-polza, l-investiment jghaddi ghand EC, u jekk din tigi nieqsa dawn il-*proceeds* il-Bank jghaddihom lil bintha. Dan sakemm kien fis-sehh it-*Trust Agreement.*

Dan id-dokument seta' jinbidel meta ried il-*policy holder* li kien YYY.

Meta fl-2017, il-Bank waqqaf is-servizz tat-*Trustee,* l-effett ta' dan id-dokument intilef ghaliex il-Bank ma baqax it-*Trustee* u, galadarba dan l-*Agreement* waqa', waqghet ukoll id-dikjarazzjoni dwar il-*beneficiaries*. Meta kien ser iwaqqaf dan

---

[13] P. 62 *et seq*

is-servizz, il-Bank baghat ghal YYY u imtliet il-formola - it-TP 2 - li hija t-*Transfer in Title Form* datata s-6 ta’ Settembru 2017, fejn l-*owenrship* tal-polza ghadda ghand YYY. Wara li YYY sar l-*owner* tal-polza, kien sta ghalih x’jaghmel bil-polza.

Meta originarjament harget il-polza, anke meta l-Bank kien ghadu *Trustee*, kien hemm min kellu jithallas f’kaz ta’ mewt u dan kien indikat (f’TP3) l-‘*Estate or those deriving the Legal Title under the Policy Owner*’, u li x-xhud fehemet li jkunu l-eredi tieghu.

Fid-dokument TP4, il-*policy owner* hu YYY, u jikkonferma li kien hemm *change of ownership* u l-*person covered* huwa wkoll YYY. Ukoll, f’kaz ta’ mewt, il-flus kellhom imorru ghand ‘*those deriving the Legal Title under the Policy Owner’.* Dan l-*endorsement* jghid ukoll li huwa parti integrali mill-kuntratt u huwa kuntratt bejn il-kumpanija u l-*policy owner* u, cioè, YYY.

Kieku kien ghadu fis-sehh it-*Trust Agreement* u YYY kien jigi nieqes, il-beneficjarja kienet ser tkun EC. Mistoqsija jekk il-Bank kellux obbligu li jinforma lil *Middlesea* li fit-*Trust Agreement* kien hemm l-ilmentatrici indikata bhala *beneficiary*, x-xhud tghid li t-*Trust Agreement* kien bejn is-Sur YYY u l-Bank, u dan kien kunfidenzjali u l-Bank ma setax jizvela x’kien fih lil terzi. It-*Trust Agreement* bejn is-Sur YYY u l-Bank kien xi haga indipendenti mill-polza.

Mat-terminazzjoni tat-*Trust*, it-*Trust Agreement* waqa’ u l-Bank ma baqax involut fil-polza ghaliex kollox ghadda ghand MAPFRE. Waqghet ukoll l-i*special condition* fejn l-ilmentatrici kienet indikata bhala beneficjarja. Galadarba t-*Trust Agreement* waqa’, waqa’ dak kollu li kien fih inkluza l-i*special condition*.

Ghal *MAPFRE MSV Life p.l.c.* xehed Victor Farrugia[14] li, fil-qosor, xehed li dan l-ilment mhux indirizzat lejn MAPFRE izda huwa indirizzat lejn il-BOV.

Jghid li l-polza kienet mahruga originarjament favur il-BOV bhala *Trustee* fuq il-hajja ta’ YYY b’effett mit-12 ta’ Lulju 2010. Meta nharget il-polza, il-*policy owner* tal-polza kien il-BOV bhala *Trustee* u l-*payee* taht il-polza kien: ‘*The Policy Owner, his Estate or those deriving Legal Title under the Policy Owner’,* u kull beneficcju li MAPFRE kienet ser thallas kien jghaddi ghand il-BOV bhala *trustee*.

[14] P. 70-72

L-MSV kellha relazzjoni limitatament mal-BOV. Meta kienet saret l-*Application Form* (DOK MSV 3), il-Bank jidher bhala l-*owner* u Joe YYY bhala l-*First Person Covered.* Waqt li l-Bank kien ghadu t-*Trustee*, il-*bonuses* li tiddikjara l-MSV kienu jghaddu ghand il-Bank bhala *Trustee*.

Imbaghad, it-*Transfer in Title Form* giet iffirmata personalment minn YYY fis-6 ta' Settembru 2017, u permezz taghha l-assikurat *Bank of Valletta p.l.c.* bhala *Trustee*, ittrasferixxa l-polza minghajr ebda tibdiliet favur YYY (DOK MSV 5). L-MSV harget l-*endorsement* fil-15 ta' Settembru 2017 (DOK MSV 6) u, ghalhekk, il-*payee* taht il-polza kien: '*The Policy Owner or his Estate or those deriving Legal Title under the Policy Owner',* u dan kif dejjem kien, u l-unika bidla li kien hemm kienet dik tal-*policy owner*.

Ghalhekk, wara t-trasferiment tal-polza, u minhabba li ma kien hemm indikat l-ebda nomina ta' beneficjarju, mal-maturità, l-MSV kellha thallas lil YYY u, fil-kaz ta' mewt ta' YYY, l-MSV kienet obbligata li thallas lill-eredi ta' YYY.

L-MSV giet infurmata fit-12 ta' Marzu 2020 li kien miet YYY. L-MSV hadmet id-*Death Benefit* ghas-somma ta' €28,163.17, u baghtet ittra fl-indirizz ta' YYY, fejn tablet id-dokumenti tas-soltu biex thallas lill-eredi tal-mejjet. Fil-fatt, l-MSV indirizzat l-ittra taghha lill-eredi ta' YYY.

Permezz ta' intermedjarju, l-ilmentatrici insistiet mal-MSV li hija kienet giet indikata bhala beneficjarja mal-Bank u l-MSV infurmat lill-intermedjarju li hi qatt ma irceviet xi haga li turi li kien hemm *designated beneficiary* taht il-polza u, ghalhekk, hija kellha thallas lill-eredi ta' YYY.

La l-Bank u lanqas YYY ma kienu innominaw lill-ilmentatrici bhala beneficjarja taht il-polza. L-ilmentatrici, ghalkemm kienet qalet li kienet iffirmat il-*Beneficiary Declaration Form',* fil-fatt, qatt ma ffirmat dan id-dokument li rreferiet ghalih. Biex l-MSV ikollha indikat *beneficiary* kellha timtela formola (DOK 12) mill-*policy owner* u l-*person covered* (jekk kienu differenti) li jindikaw il-beneficjarju. L-MSV qatt ma rceviet din il-formola u, ghalhekk, obbligata thallas lill-eredi ta' YYY.

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-polza in kwistjoni kienet bejn YYY u *MAPFRE MSV Life p.l.c*. Però, kien hemm zmien fejn il-*Bank of Valletta p.l.c.* kien joffri

servizz ta' *trusteeship*. Jirrizulta li YYY u l-BOV kien ghamlu kuntratt bejniethom li jissejjah *Declaration of Trust Agreement* datat is-6 ta' Lulju 2010 (DOK TP1) fejn il-partijiet ftiehemu li l-polza ta' YYY kienet ser tghaddi fi *trust* tal-BOV, fejn kien ifisser li l-Bank kien ser ikun l-*owner* tal-polza, u l-*bonuses* li MAPFRE tiddikjara fuq il-polza tghaddihom lil BOV u dan jghaddihom fil-kont ta' YYY.

F'din id-dikjarazzjoni, YYY iddikjara wkoll li jekk jigi nieqes, id-dhul minn fuq il-polza jghaddi ghand l-ilmentatrici jew bintha, f'kaz li l-ilmentatrici tigi nieqsa wkoll.

Fl-2017, il-Bank iddecieda li ma jibqax joffri dan is-servizz ta' *Trusteeship* u baghat ghall-klijenti kollha li kellhom *trust* mal-Bank, inkluz lil YYY, fejn qalilhom li l-*ownership* tal-polza ser idur minn fuqu ghall-*policyholder*, f'dan il-kaz, YYY.

Minn hemm 'il quddiem, il-Bank ma kellux x'jaqsam aktar ma' din il-polza. L-ilmentatrici ssostni li l-*Bank of Valletta* kellu obbligu li jghid lil MAPFRE li hija kienet indikata bhala beneficjarja meta kien sar it-*trustee agreement* bejn il-Bank u YYY. Il-Bank jinsisti li hu ma setax jaghmel dan peress li t-*trust* li nholoq kienet xi haga kunfidenzjali bejn il-Bank u YYY u, ghalhekk, ma seta' jghaddi l-ebda informazzjoni f'dak ir-rigward lil MAPFRE.

Barra minn hekk, wara li gie iffirmat it-*transfer* minn fuq il-Bank ghal fuq YYY, il-Bank ma kellux x'jaqsam aktar mal-polza. Minn hemm 'il quddiem kien YYY innifsu li ried jara jekk jahtarx beneficjarju tal-polza u mhux il-Bank.

*MAPFRE MSV Life p.l.c.* issottomettiet li biex jinhatar beneficjarju taht il-polza kellha timtela formola (DOK 12) fejn jigi ddikjarat min hu beneficjarju, u formola bhal dik ma kienet irceviet qatt; u qatt ma kienet taf li kien hemm xi beneficjarju tal-polza.

**L-Arbitru jinnota li l-*Life Insurance Trust Agreement* li gie iffirmat fis-6 ta' Lulju 2010, fejn l-ilmentatrici giet dikjarata beneficjarja, spicca fis-6 ta' Settembru 2017, meta sehh dak li jissejjah it-*Transfer in Title* (TP2), fejn hemm dikjarat li issa YYY kien sar in-*New Policy Owner* minhabba li l-Bank kien '*winding down of Trustee Services Unit*.'[15] Din il-formola ta' trasferiment giet iffirmata mill-Bank u YYY. Ghalhekk mat-terminazzjoni tal-kuntratt ta'**

[15] P. 59

***trusteeship,* dik id-dikjarazzjoni li kien ghamel YYY dwar il-beneficjarju waqghet.**

Ghalhekk, galadarba fl-2017 l-*owner* tal-polza sar YYY, kien sta ghalih li jindika lil MAPFRE jekk riedx jahtar xi beneficjarju tal-polza. U dan kellu jsir permezz tal-formola DOK 12 kif indikat *MAPFRE MSV Life p.l.c.*

Izda, YYY m'ghamilx dan u, ghalhekk, MAPFRE kellha ragun meta qalet li hi qatt ma rceviet xi notifika ta' beneficjarju tal-polza. Peress li YYY kien hu il-proprjetarju tal-polza, u hadd aktar, hu biss seta' jindika beneficjarji mal-assikurazzjoni.

L-ilmentatrici tghid li l-Bank kellu obbligu li jinforma lil MAPFRE li hi kienet indikata fuq it-*Declaration of Trust Agreement* bhala beneficjarja u, ghalhekk, qed tghid li l-Bank kien negligenti fil-konfront taghha u ghandu jwiegeb ghad-danni.

L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan. Kif digà intqal fl-2017, dan l-*Agreement* waqa'. Il-Bank ma setax jinforma lil MAPFRE li l-ilmentatrici kienet beneficjarja fuq it-*trust* ghal aktar minn raguni wahda. L-ewwel raguni kienet li t-*Trust Agreement* kien spicca u, ghalhekk, dak kollu li kien dikjarat fih waqa' wkoll, inkluza l-klawsola dwar il-beneficjarja. Il-Bank ma setax jinforma lil MAPFRE dwar xi haga li hu ma kienx ghadu parti minnha.

Barra minn hekk, l-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li wara li spicca t-*Trusteeship Agreement*, YYY talab lill-Bank biex jinforma lil MAPFRE dwar min kien ghamel beneficjarju fuq dak il-ftehim li issa kien spicca. Tajjeb jinghad li l-Bank ma setax jindahal lil min seta' jahtar bhala beneficjarju YYY wara l-2017.

YYY miet fl-2020 u, ghalhekk, kieku ried jahtar beneficjarju fuq il-polza seta' facilment jaghmel dan fi zmien tliet snin mindu temm it-*Trust Agreement* mal-Bank. Fil-fatt, MAPFRE iddikjarat li ma kellha l-ebda talba ghall-hatra ta' beneficjarju skont il-procedura taghha u kienet disposta tghaddi r-rikavat tal-polza lill-eredi ta' YYY. L-ilmentatrici hi wahda minn dawn l-eredi, izda m'hijiex l-unika eredi.

L-Arbitru ma jistax iqis li l-Bank kien negligenti fil-qadi ta' dmirijietu lejn l-ilmentatrici.

**Qabel xejn, il-Bank kellu relazzjoni guridika ma' YYY biss u ma' hadd aktar. Galadarba r-relazzjoni bejn il-Bank u YYY spiccat fl-2017, u f'dik id-data l-Bank ghadda l-*ownership* tal-polza lil YYY, il-Bank ma setax jindahal lil min YYY ried ihalli bhala beneficjarju tal-polza.**

Seta' jaghti l-kaz li mill-2010, meta sar id-*Declaration of Trust Agreement*, u d-data meta sehh it-trasferiment tal-polza minn fuq il-Bank ghal fuq YYY fl-2017, YYY ried jibdel fehemtu dwar min kellu jkun il-beneficjarju tal-polza tieghu. Allura, kif seta' l-Bank jiddeciedi ghal YYY u jindika lil MAPFRE li l-beneficjarja fl-2010 kienet l-ilmentatrici?

Apparti l-fatt ukoll li r-relazzjoni bejn il-Bank u YYY kienet wahda ta' natura kunfidenzjali u l-Bank seta' jizvela dak li kien ghamel YYY biss b'awtorizzazzjoni specifika mill-istess YYY. L-ebda prova ta' dan ma ngabet f'dan ir-rigward.

Finalment, il-Bank ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-ilmentatrici u, ghalhekk, ma jistax b'xi mod jitqies li hu responsabbli ghal xi forma ta' negligenza kif qed titlob l-ilmentatrici f'dan il-kaz. L-unika relazzjoni guridika li kien hemm kienet bejn il-Bank u YYY, u din spiccat fl-2017, kif ukoll l-effetti taghha.

Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad l-ilment.

Minhabba n-natura gdida tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' din il-procedura.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**